**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Settembru 2021**

**Rikors nru: 129/2021 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 5 ta' Awwissu 2021, fejn espona bir-rispett;**

1. Illi l-parijiet ghaddejjin minn proceduri ta' seperazzjoni personali fl-ismijiet premessi, liema proceduri jinsabu differiti ghad-29 ta' Settembru 2021.
2. Illi l-esponenti jitlob ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta, b' dan li mhu se jinholoq ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghal-konvenuta, kemm-il darba tintlaqa' it-talba.

3. Ghaldaqstant, u in vista tas-suepost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti, m' ghandhiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55(1) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Erbgha 29 ta' Settembru 2021, dehert il-konveuta assistita mil-avukat taghha li nfurmat il-Qorti li ghar-rikors tal-attur ghal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, ma hemmx oggezzjoni.

**DECIDE:**

Tilqa' t-talba.

Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-artikolu 55(1) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**